# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 333/01**

**Numru 36**

**Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc f'isem id-ditta Farrugia Enterprises**

**vs**

**Victor Buttigieg u martu Ersilia Buttigieg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tletin lira (Lm530) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lill-konvenuti mibjugha u lilhom kkonsenjata.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 8 ta' Novembru 2000, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentata mal-avviz u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-13 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm530.00,0 bl-imghax legali mill-17 ta' April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-8 ta' Novembru 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtellatorju tal-17 ta' April 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg